MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 642/2012

**Suzanne Busuttil, karta tal-identita` numru 19076(M) u Brian Busuttil, karta tal-identita` numru 525373(M) f`ismu proprju u bhala Direttur f`isem u in rappreżentanza ta` Stealth Holdings Limited, C26763**

***kontra***

1) **Francis Busuttil & Sons Limited, C334 ;**

2) **B&S Contractors Limited, C552 ;**

3) **Franco Busuttil ID11461(M) ;**

4) **Michael Busuttil ID51261(M) ;**

5) **Joseph Busuttil ID90968M ;**

6) **Christian Busuttil ID199278M ; u**

**7) Jean Paul Busuttil ID102172M, ilkoll fil-kwalita` taghhom kollha bhala diretturi f`isem Francis Busuttil & Sons Limited u B&S Contractors Limited, hlief Franco Busuttil li ma huwiex Direttur ta` B&S Contractors Limited u Jean Paul Busuttil li ma huwiex direttur ta` Francis Busuttil & Sons Limited u**

**ghal kull interess li jista` jkollhom**

**8) Foster Clark Products Limited (C803) ;**

**9) Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited (C24137) ;**

**10) B & S Exports Limited (C16946);**

**11) B & S Manufacturing Limited (C16941) ; u**

**12) Chris Degiorgio ID 70456(M) bhala direttur ta` Foster Clark Products Limited u ta` Francis Busuttil & Sons (Marketing)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezentaw ir-rikorrenti fis-27 ta` April 2015 fejn talbu lill-Qorti sabiex taghtihom permess specjali sabiex jappellaw minn zewg digrieti li tat fid-9 ta` Marzu 2015 (a fol 1159 u 1160, u a fol 1166 u 1167 tal-process).

Rat id-digriet taghha tat-30 ta` April 2015.

Rat ir-risposta li pprezentaw uhud mill-intimati fit-13 ta` Mejju 2015.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-25 ta` Mejju 2015.

Rat l-Art 229 tal-Kap 12 ;

Rat in partikolari l-paragrafu (e) tas-subinciz (1) tal-Art 229 tal-Kap 12

Rat ukoll l-Art 587 tal-Kap 12 ;

Billi huwa evidenti mill-kontenut taz-zewg digrieti fuq riferiti illi l-Qorti ppermettiet li x-xhieda koncernati jwiegbu biss ghal dawk il-mistoqsijiet li l-Qorti awtorizzathom iwiegbu ;

Billi l-Art 587 tal-Kap 12 jesigi li xhud iwiegeb ghal dawk il-mistoqsijiet li l-Qorti tippermetti li jsirulu ;

Billi r-rikorrenti qeghdin jitolbu permess sabiex jappellaw miz-zewg digrieti in kwistjoni fejn il-Qorti fis-sostanza llimitat il-mertu tad-domandi li ppermettiet illi jsiru lix-xhieda ;

U billi l-kaz jinkwadra kollu kemm hu fl-Art 229(1)(e) tal-Kap 12 liema disposizzjoni ma tippermettix li jsir appell miz-zewg digrieti de quo f`dan l-istadju tal-kawza.

Tichad it-talba.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------